MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 95/2024 LM

**Neville Bonnici (K.I. nru. 385374M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Satabank plc (C 66993) u Ernst & Young Limited (C 30241)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Ernst & Young Limited (C 30241)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Novembru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Neville Bonnici (K.I. nru. 385374M)** kontra s-

soċjetà intimata **Satabank plc (C 66993)** [minn issa 'il quddiem 'il-bank'] u **Ernst & Young Limited (C 30241)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni fil-każ odjern kienet waħda skont il-liġi.*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

**Fatti**

2. Dawn il-proċeduri huma fir-rigward tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà Satabank plc, wara li din iffaċċjat diffikultajiet u waqgħet taħt il-kontroll ta' Ernst & Young Ltd bħala persuna kompetenti, kif awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta [minn issa 'il quddiem 'l-MFSA'].

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà Satabank plc bħala *Chief Operating Officer* fis-6 ta' Ottubru, 2014. Qal li f'Ottubru tal-2018, it-tmexxija tal-bank waqgħet taħt il-kontroll tas-soċjetà Ernst & Young Limited, li ġiet appuntata mill-MFSA sabiex tieħu kontroll tal-bank. Ir-rikorrent qal li wara diversi xhur li matulhom l-impjegati ma ngħataw l-ebda informazzjoni dwar x'kien ser jiġri, l-impjieg tiegħu ġie tterminat permezz ta' ittra li huwa rċieva, fejn id-data tat-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg ġiet indikata li kienet l-21 ta' Jannar, 2020. Qal li fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu, hemm klawsola li tgħid x'kellu jiġri f'każ li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat minħabba xoljiment tan-negozju, u minkejja l-klawsola kuntrattwali li

tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens lilu, ir-rikorrent ma ngħata l-ebda kumpens. Il-klawsola 10 fil-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent tgħid illi:

> "*If the employment is terminated in case of wind up of business at the discretion of the employer and/or transfer of the business to third parties, wherein at the discretion of the employer either the business is transferred abroad or the employee is not offered a replacing employment contract, the employee is entitled to a lump sum equivalent to a one year full salary (including director's allowance).*

Qal li l-kuntratt tal-impjieg tiegħu jgħid ukoll li huwa kien intitolat għal 26 ġurnata *leave* fis-sena, u huwa kien għad fadallu bilanċ ta' 23 ġurnata *leave* fis-sena 2018, u l-bank kien approva li huwa jieħu dan il-*leave* fl-2019. Ir-rikorrent kompla jgħid li huwa kien intitolat għal żieda fil-paga kull sena, u din kienet ġiet awtorizzata b'effett minn Jannar 2018, peress li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu jipprovdi għal żieda annwali fis-salarju. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa kien intitolat għal *performance bonus* għas-sena 2018, iżda huwa ngħata biss parti minnu f'Jannar 2018 u f'Marzu tal-2018. In vista ta' dan, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li in vista tat-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg, (i) huwa għandu jingħata 23 ġurnata *leave* tas-sena 2018 li baqgħu pendenti u li huwa ma ngħata l-ebda kumpens għalihom, minkejja li ġie awtorizzat jeħodhom fis-sena 2019; (ii) jingħata ż-żieda fil-paga li kienet ġiet awtorizzata minn Jannar 2018 fl-amont ta' 25% tal-paga tiegħu li baqgħet ma tħallsitx sakemm l-impjieg tiegħu ġie tterminat; (iii) jingħata l-*performance bonus* għas-sena bażi 2018 jew *retention bonus* li sallum huwa tħallas biss parti minnu; (iv) jingħata *lump sum* ta' sena talli l-impjieg tiegħu ġie tterminat skont il-klawsoli tal-kuntratt tal-impjieg; (v) u jiddikjara li t-terminazzjoni tiegħu kienet inġusta u jagħti l-provvedimenti kollha opportuni dwar dan *ai termini* tal-artikolu 81 tal-Kap. 452

tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li huwa jitħallas l-ammonti pendenti, u kumpens ġust.

4. L-intimat Satabank plc wieġeb li t-Tribunal m'għandux kompetenza *ai termini* tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent għall-ħlas ta' *leave,* żieda fis-salarju, ħlas ta' *performance bonus* u l-kumpens allegatament dovut lilu *ai termini* tal-artikolu 10 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Żied jgħid li t-talba għal żieda fis-salajru u l-ħlas tal-*performance bonus* għandu jirriżulta li ma sarux fit-terminu stipulat fil-liġi, u t-talba tar-rikorrent għall-kumpens għat-terminazzjoni inġusta mill-impjieg hija konfliġġenti u tmur kontra t-talba tiegħu għall-ħlas ta' kumpens għal terminazzjoni *ai termini* tal-klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg. Satabank plc ikkontenda li meta r-rikorrent għamel riferiment għal dak li tgħid il-klawsola 10 tal-kuntratt, impliċitament dan kien qiegħed jaċċetta li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu saret *ai termini* tal-kuntratt, u għalhekk ma kinitx terminazzjoni inġusta, għaliex allegazzjoni ta' terminazzjoni inġusta tfisser li mhux suppost li kien hemm terminazzjoni fl-ewwel lok. Qal ukoll li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret għal raġuni ta' *redundancy.* Satabank plc qal ukoll li l-ammonti mitluba mir-rikorrent mhumiex dovuti, u r-rikorrent tħallas kull ammont li kien dovut lilu, anzi tħallas aktar minn dak li kien dovut lilu skont il-liġi.

5. L-intimat Satabank plc spjega li l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat permezz ta' avviż datat it-18 ta' Ottubru, 2019, abbażi ta' *redundancy.* Qal li fl-20 ta' Ottubru, 2018, l-MFSA ħarġet direttiva fejn ħatret lil Ernst & Young Limited bħala l-persuna kompetenti *ai termini* tal-artikolu 29 (1) (ċ) u (d) tal-Kap.

371 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tieħu f'idejha l-attiv tal-bank u l-kontroll tal-kummerċ tal-bank. Qal ukoll li minħabba d-direttivi li ħarġet l-MFSA, in-natura tax-xogħol tal-bank inbidel, u l-bank ma setax ikompli bin-negozju normali tiegħu, iżda seta' jirritorna l-flus li kellu depożitati miegħu wara biss li jkun jagħmel eżerċizzju ta' *due diligence* għal skopijiet ta' ħasil ta' flus. Qal li għalhekk ma kienx għad hemm ħtieġa għat-tip ta' xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent. L-intimat Satabank plc spjega li l-klawsola 10 tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent hija ċara, u għandha tapplika f'każ ta' *winding up of business* jew *transfer of business,* u żied jgħid li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent ma ġiex itterminat għal dawn ir-raġunijiet, u għalhekk din il-klawsola ma tapplikax. L-intimat qal li kieku kellha tapplika din il-klawsola, ir-rikorrent ikun qiegħed jaċċetta li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu saret skont it-termini tal-kuntratt tal-impjieg, u li għalhekk ma kienx hemm tkeċċija inġusta kif allegat minnu, bil-konsegwenza li għalhekk it-Tribunal ma jkollux kompetenza. Żied jispjega li fil-mument li ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, dan kellu 25.75 ġurnata *leave* akkumulati għall-2018, u 21 ġurnata *leave* għall-2019, u 1.5 ġurnata *leave* għas-sena 2020. Qal li huwa ngħata tlettax-il ġimgħa *notice* minflok it-tmien ġimgħat li titlob il-liġi, u dan ingħatalu b'sinjal ta' rieda tajba min-naħa tal-bank, u dan ifisser li r-rikorrent tħallas aktar minn dak li kellu jingħata bil-liġi. L-intimat Satabank plc żied jgħid li l-*leave* għas-snin 2018, 2019 u 2020 inqatgħu min-*notice period* kif permess bil-liġi, u b'sinjal ta' rieda tajba u wara diskussjonijiet bejn il-partijiet, il-bank ħallas lir-rikorrent ta' 22.5 ġurnata aktar minn dak li kien intitolat għalih bil-liġi. Żied jgħid li l-impjegat ma ħadimx in-*notice period,* u lanqas il-22.5 ġurnata żejda li tħallsu lilu *over and above,* u r-rikorrent aċċetta dan kollu u rrinunzja b'mod ċar u inekwivoku għal kull talba oħra rigwardanti l-*leave.* Qal li

l-bank ħallas lir-rikorrent dak kollu li kien dovut lilu u aktar, billi tah *notice period* itwal minn dak li titlob il-liġi, u ħallsu 22.5 ġurnata aktar, mingħajr ma kellu l-obbligu li jagħmel dan. L-intimat Satabank plc saħaq ukoll li l-*performance bonus* jitħallas abbażi tal-prestazzjoni tal-impjegat, u m'hemm l-ebda jedd awtomatiku għal żieda fil-paga kull sena kif allega r-rikorrent, għaliex tali żieda abbażi tal-*performance* hija fid-diskrezzjoni tal-bank li għandu d-deċiżjoni finali f'dan ir-rigward. Satabank plc qal li l-organu kompetenti tal-bank, jiġifieri r-*remuneration committee* qatt ma approva tali żieda għall-konsiderazzjoni tal-bord tad-diretturi tal-bank, u minkejja li kien hemm proposta min-naħa tas-CEO tal-bank sabiex tingħata tali żieda, din qatt ma ġiet approvata mill-bord tad-diretturi tal-bank, u lanqas ma ġiet komunikata lir-rikorrent. Qal li l-bord tad-diretturi ma kienx sodisfatt bil-*performance* tar-rikorrent. L-intimat Satabank plc qal li lanqas l-*annual performance bonus* ma jitħallas b'mod awtomatiku, u fil-każ odjern il-bord tad-diretturi ma kienx sodisfatt bil-prestazzjoni tar-rikorrent. Spjega li r-rikorrent kien tħallas €14,045 fi tliet pagamenti ugwali f'Diċembru 2018, f'Jannar 2019 u f'Marzu 2019, u din is-somma ma kinitx dovuta lilu bħala *performance bonus,* iżda bħala *bonus* li kien imwiegħed lill-impjegati tal-bank kollha mis-*senior management* tal-bank f'Settembru 2018 qabel ġiet maħtura l-persuna kompetenti. Il-bank intimat qal li l-*bonus* dovut lir-rikorrent kien tħallas kollu.

6. Is-soċjetà intimata Ernst & Young Limited eċċepiet li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tagħha, u għalhekk bejnha u r-rikorrent qatt ma kien hemm relazzjoni ta' prinċipal u impjegat, u għalhekk hija mhijiex leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni, u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li ladarba m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrent, it-Tribunal

lanqas m'għandu kompetenza jkompli jisma' l-kawża. Is-soċjetà intimata Ernst & Young Limited, saħqet li huwa paċifiku li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tagħha, u għalhekk Satabank plc kien baqa' entità legali separat minnha, u ma kien hemm l-ebda *take-over* ta' dan il-bank min-naħa tagħha. Is-soċjetà intimata saħqet ukoll li l-ħames talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda għaliex dan ma kienx każ ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg, iżda sitwazzjoni fejn il-bank waqaf milli jopera, u fil-fatt ftit tax-xhur wara t-terminazzjoni beda l-proċess għal-likwidazzjoni tal-istess bank, u għalhekk il-konsegwenza naturali ta' dan kienet li l-impjegati kienu ser jiġu *redundant.*

7. Din il-Qorti diġà tat żewġ deċiżjonijiet ta' natura preliminari[1] fejn iddeċidiet li t-Tribunal Industrijali m'għandu l-ebda kompetenza fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet tar-rikorrent, u għalhekk għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom.

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Novembru, 2024, ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"<u>**KONSIDERAZZJONIJIET**</u>*
>
> *B'deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Ottubru, 2021, (*Appelli Inferjuri Nru 81/2020 LM u 82/2020 LM) *fl-ismijiet* Neville Bonnici vs Satabank plc *u* Ernst & Young Ltd, *il-Qorti qalet li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jisma' u jiddeċiedi l-ewwel erba' talbiet.*

[1] 13.10.2021, (App. Inf. Nru 81/2020 LM u 82/2020 LM).

*Fid-deċiżjonijiet surriferiti l-Qorti tal-Appell qalet ukoll li dan it-Tribunal għandu biss kompetenza jisma' u jiddeċiedi fuq il-ħames talba, u intant dan it-Tribunal se jikkonsidra biss, jekk it-terminazzjoni saritx għal raġuni ġusta jew le.*

*Tenut kont ta' għaxar fatturi miġjuba bi prova waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*

*Li r-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà sa mis-6 ta' Ottubru, 2014 bħala* Chief Operating Officer *u ġie tterminat fil-21 ta' Jannar, 2020;*

*Li r-rikorrent kien impjegat mas-Sata Bank liema bank b'ordni tal-MFSA mhux qed jopera u ġie maħtur EY (Ernst & Young) bħala l-Persuna Kompetenti biex taġixxi f'ismu;*

*Li r-rikorrent jallega li sofra terminazzjoni inġusta mill-impjieg bil-mod kif ġie mdawwar il-fatt li l-kumpannija għamlet* winding up *u mhux vera li r-rikorrent spiċċa mill-impjieg għax ġie* redundant *u sussegwentement ġie mċaħħad minn benefiċċji li hu jgħid li hu intitolat għalihom;*

*Li waħda mill-partijiet li jiffurmaw is-soċjetà intimata tesiġi li mhix leġittima kontradittur u dan għax huma ġew imqabbda mill-MFSA skont artikolu 29(1)(b) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jaġixxi f'isem il-parti l-oħra, jiġifieri f'isem Sata Bank;*

*Li EY aġixxiet f'isem il-kumpannija u daħlet fiż-żarbun tagħha għax ġiet inkarigata tagħmel dan mill-Awtorità kompetenti ċioe l-MFSA, bħala Persuna Kompetenti (*Competent Person);

*Li malli l-kumpannija bdiet il-proċess ta'* winding up, *sussegwentement il-ħaddiema tagħha bdew jiġu ddikjarati* redundant;

*Li ż-żewġ partijiet mhux jaqblu min nieda l-proċess ta'* winding up, *ċioe jekk kienx wieħed volontarju jew le;*

*Li l-krux tal-kwistjoni hija li kull prova u argument li nġab dejjem ipponta lejn jekk kellhiex tiskatta klawsola 10 tal-kuntratt tax-xogħol, taħt deċiżjoni jew oħra, liema klawsola tordna l-għoti ta' sena paga lil ċerti impjegati jekk jiġu tterminati abbażi ta'* winding up *volontarju mis-soċjetà konvenuta l-Bank, jew jekk din tal-aħħar tordnax trasferiment tal-istess bank;*

*Li r-rikorrent mhux jikkontesta t-terminazzjoni nnifisha anzi jirrikonoxxiha iżda jikkontesta jekk it-tali terminazzjoni kellhiex tkun waħda li magħha ġġib il-benefiċċji li toffri klawsola 10 u jekk le, allura r-rikorrent qiegħed iqis it-terminazzjoni bħala inġusta;*

*Li t-Tribunal se jikkonsidra biss jekk it-terminazzjoni kinitx ġusta jew le u mhux jekk kellux jingħata xi benefiċċji mat-temm tal-impjieg.*

***DEĊIŻJONI***

*F'dawn il-proċeduri t-Tribunal jirriżultalu li l-intimat EY qatt ma kien direttament jimpjega lir-rikorrent iżda jibqa' l-fatt li bl-involviment tal-intimat EY bħala l-Persuna Kompetenti biex jieħu r-riedni f'idejh u jwettaq il-miżuri skont il-liġi u kif inizjati mir-regolatur, nibtet relazzjoni ta' xogħol. Il-Persuna Kompetenti daħlet fiż-żarbun tal-intimat bank u aġixxiet f'ismu daqs li kieku kienet hi l-entità li tħaddem lir-rikorrent f'dak il-waqt. It-Tribunal jemmen li kemm il-bank u kemm il-Persuna Kompetenti għandhom ikunu fil-ġudizzju. Għaldaqstant it-Tribunal qed jiddeċiedi li l-intimat EY mhuwiex meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju fil-każ odjern.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li l-proċess li wassal għat-temm tal-impjieg tar-rikorrent beda mill-korrispondenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 maħruġa mir-regolatur, MFSA u indirizzata lill-intimat Bank, fejn ir-regolatur kien ġibed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet li rriżultaw mit-*Thematic Review *li seħħ fl-2016. Ir-regolatur reġa' bagħat korrispondenza fil-15 ta' Ottubru biex ikomplu l-proċess* ai termini *tal-artikolu 9(2) Paragrafu (ċ) u (g). Kien proprju wara li rċieva dawn il-korrispondenzi u ordnijiet kif għandu jopera, meta l-bank bagħat l-ittra tad-19 ta' Ottubru fejn ippropona* scaling down, *liema proposta ġiet miċħuda u b'ittra oħra fl-20 ta' Ottubru l-miżuri restrittivi intensifikaw. Fil-fehma tat-Tribunal hawnhekk inbeda l-*winding down *fejn eventwalment wassal għat-temm tal-impjieg tar-rikorrent.*

*Jekk il-*winding down *kienx volontarju jew le dan it-Tribunal lanqas biss se jikkunsidraha għax ma tagħmillux differenza min beda jew spiċċa l-*winding down*. It-Tribunal issendika jekk saritx u jekk ġabitx magħha t-temm tal-impjieg u ċioe x'ikkawża t-temm tal-impjieg għax s'hemm jista' jara dan it-Tribunal. Sa mill-bidu tal-kawża deher ċar li l-post tax-xogħol tar-rikorrent intemm għax il-bank ma baqax jopera. Il-ħames talba tar-rikorrent biex it-Tribunal jiddikjara li ntemm b'mod inġust, hija direttament marbuta mal-fatt li ma ngħatax ċans jibbenefika minn klawsola 10. Ir-rikorrent innifsu ma kkontestax li ntemmlu x-xogħol iżda dejjem dawwar kull prova u argument jekk kellux jingħata l-kumpens ta' klawsola 10, liema kwistjoni dan it-Tribunal ma jidħolx fiha. Dan jindika ċar li ma hemmx inġustizzja li tterminat l-impjieg tiegħu għax ma setax jinżamm fl-impjieg.*

*Ġaladarba l-post tax-xogħol intemm it-Tribunal jifhem li r-rikorrent kellu jiġi tterminat.*

*Min-naħa l-oħra jekk ir-rikorrent iħoss li saret inġustizzja bil-mod kif ġie interpretat il-kuntratt tax-xogħol u l-klawsoli fih marbuta ma' benefiċċji f'każ ta' terminazzjoni,*

*dejjem jista' jfittex il-kumpens f'fora oħra, imma ċertament mhux quddiem dan it-Tribunal.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni fil-każ odjern kienet waħda skont il-liġi."*

## L-Appell

9. Is-soċjetà appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-22 ta' Novembru, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"... titlob bir-rispett li, prevja l-akkoljiment ta' dan l-appell, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Tribunal Industrijali fit-12 ta' Novembru, 2024, fil-kwistjoni tax-xogħol fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanta Ernst & Young Limited billi tiddikjara li Ernst & Young Limited mhux il-leġittimu kontradittur u b'hekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tagħha.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent."*

10. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu dan ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha. Qalet li l-affermazzjoni tat-Tribunal li hija daħlet fiż-żarbun tal-bank u aġixxiet f'ismu daqs li kieku kienet hi l-entità li tħaddem lir-rikorrent u l-konsegwenti konklużjoni tiegħu, huma legalment żbaljati, u dan huwa dak li jifforma l-bażi tal-appell tagħha.

11. Il-Kontrollur ta' Satabank plc l-Avukat Richard Galea Debono, fir-risposta tiegħu tal-20 ta' Frar, 2025, iddikjara li qiegħed jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, filwaqt li r-rikorrent Neville Bonnici ma daħħal l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Aggravju:* *[Ir-rwol tas-soċjetà appellanta bħala persuna kompetenti]*

12. Is-soċjetà appellanta qalet li permezz ta' avviż maħruġ f'Ottubru 2018 mill-MFSA, din ħarġet għadd ta' direttivi fil-konfront ta' Satabank plc sabiex tassigura governanza tajba u kontrolli, u ħadet miżuri abbażi tal-funzjoni tagħha bħala awtorità regolatorja. Qalet li l-MFSA kienet ilha mill-2016 tikkomunika ma' Satabank plc sabiex issaħħaħ il-governanza u l-*internal controls* tiegħu, kif ukoll sabiex jindirizza defiċjenzi li kellu fil-qasam tal-kontrolli kontra l-ħasil tal-flus. Is-soċjetà appellanta qalet li l-MFSA ma setgħetx toqgħod aktar fuq l-aċċertamenti li kien qiegħed jagħti l-bank, u kien għalhekk li fil-15 ta' Ottubru, 2018 hija ħatret lil EY bħala persuna kompetenti *ai termini* tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tagħti pariri lill-bank dwar it-tmexxija tal-kummerċ tiegħu. Fl-20 ta' Ottubru, 2018, l-MFSA biddlet in-nomina oriġinali tagħha, u ħatret lill-persuna kompetenti sabiex tieħu f'idejha l-attiv tal-bank ħalli jiġu imħarsa l-interessi tad-depożitanti, u tieħu f'idejha l-kontroll tal-kummerċ tal-bank. Qalet li l-bank kien avżat li ma kellux jieħu aktar depożiti mingħand in-nies, ma setax jieħu klijenti ġodda, u ma kellu jippermetti l-ebda ċaqliq fl-assi tiegħu jew tal-klijenti tiegħu. Is-soċjetà appellanta spjegat li fl-24 ta' Ottubru, 2018, l-MFSA ippermettiet lill-bank jibda proċess sabiex jitħallsu lura d-depożitanti fuq tul ta' żmien, wara li jkun sar *due diligence* fuq id-depożitanti li jkunu ser jitħallsu lura. Qalet li dawn l-istruzzjonijiet ma nbidlux. Is-soċjetà appellanta spjegat li fit-18 ta' Ottubru, 2019, l-MFSA ħarġet l-ewwel direttivi tagħha, u dan meta l-bank kien ilu sena mingħajr attività ħlief li jħallas lura lid-

depożitanti, u meta l-maġġoranza ta’ dawn kienu tħallsu, il-bank ittermina l-impjieg tar-rikorrent b’effett mit-22 ta’ Jannar, 2020 għal raġuni ta’ *redundancy.* Is-soċjetà appellanta qalet li fit-30 ta’ Ġunju, 2020, il-bank tilef il-liċenzja tiegħu, liema liċenzja ttieħdet mill-Bank Ċentrali Ewropew u fuq rakkomandazzjoni tal-MFSA. Fit-30 ta’ Ottubru, 2020 l-MFSA ħatret kontrollur sabiex ixolji u jillikwida l-bank skont l-Att dwar l-Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta’ Stralċ), Kap. 383 tal-Liġijiet ta’ Malta.

13. Qalet li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tagħha, u għalhekk qatt ma kien hemm relazzjoni ta’ prinċipal u impjegat bejn is-soċjetà appellanta u r-rikorrent, u għalhekk hija mhijiex leġittima kontradittriċi, u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrent, it-Tribunal ma kienx kompetenti jisma’ kwalsiasi kwistjoni bejnha u r-rikorrent, u fil-fatt ir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi sabiex tinħoloq tali relazzjoni la jissussistu u qatt ma kienu hemm. Qalet li r-rikorrent qatt ma ġie reġistrat bħala impjegat tagħha, u dan kif ikkonfermat mix-xhieda tar-rappreżentant ta’ Jobsplus. Kompliet tgħid li għalhek huwa paċifiku li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tagħha, u dan huwa rikonoxxut anki mit-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li anki r-rikorrent fix-xhieda tiegħu kkonferma li huwa qatt ma kien impjegat tagħha, u għalhekk it-talbiet tiegħu kellhom jiġu indirizzati lejn il-bank u mhux fil-konfront tagħha wkoll. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal jisma’ każijiet bejn ħaddiema u prinċipali tagħhom f’tilwim naxxenti minn relazzjoni ta’ impjieg, iżda ma jismgħax u ma jistax jisma’ każijiet bejn impjegati u terzi persuni. Qalet li għalhekk il-proċeduri intavolati kontra tagħha huma mingħajr bażi legali. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li terzi ma jistgħux jiġu ikkundannati jħallsu l-paga ta’ xi ħaddieħor, u lanqas ma

jistgħu jinstabu responsabbli għat-terminazzjoni tal-impjieg ta' xi ħadd li mhux impjegat tagħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li l-involviment tagħha kien bħala persuna kompetenti, nominata mill-awtorità, u hija kienet qiegħda taġixxi taħt il-parametri mogħtija mill-MFSA. Żiedet tgħid li r-rikorrent baqa' impjegat tal-bank, filwaqt li hija kienet qiegħda taġixxi f'isem il-bank, iżda t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret mill-bank. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-argument tat-Tribunal, li bl-involviment tagħha bħala persuna kompetenti hija daħlet fiż-żarbun tal-bank, ma fiha l-ebda bażi fil-liġi. Qalet ukoll li n-nomina tagħha bl-ebda mod ma tista' tiġi interpretata bħala li hija saret parti mill-bank jew li hija daħlet fiż-żarbun tiegħu kif argumenta t-Tribunal. Is-soċjetà appellanta saħqet li n-nomina tagħha saret sabiex jitħarsu l-interessi tad-depożitanti u tal-istituzzjoni ta' kreditu, imma s-soċjetà appellanta u l-bank baqgħu żewġ entitajiet separati u distinti minn xulxin. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kienet tieħu l-istruzzjonijiet mingħand l-MFSA. Qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal għalhekk tmur kontra l-kunċett bażiku fil-liġi tagħna dwar is-soċjetajiet kummerċjali, dak tal-personalità distinta u separata tal-kumpannija. Is-soċjetà appellanta qalet li m'hemmx dubju li hi u l-bank huma żewġ entitajiet debitament reġistrati taħt il-liġi Maltija, u l-artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji jispega li soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, u din il-personalità ġuridika tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi mħassra mir-Reġistru.

14. Il-Qorti tirrileva li *'persuna kompetenti'* kif imfissra taħt il-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta, hija persuna naturali jew ġuridika li tinħatar mill-MFSA, fejn din jidhrilha li għandha tagħmel dan fl-interess tad-depożitanti attwali jew potenzjali tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet ta'

sorveljanza tagħha. Il-persuna kompetenti tinħatar sabiex tinvestiga u tirrapporta dwar in-natura, it-tmexxija jew l-istat tal-kummerċ tal-istituzzjoni ta' kreditu jew kwalunkwe aspett partikolari tagħha, jew l-*ownership* jew il-kontroll tal-istituzzjoni ta' kreditu. Is-soċjetà appellanta ġiet maħtura bħala persuna kompetenti *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 tal-Kap. 371, sabiex tagħti pariri lill-bank in kwistjoni dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerċ tiegħu; tieħu f'idejha l-attiv tal-bank sabiex jitħarsu l-interessi tad-depożitanti; u tieħu f'idejha l-kontroll tal-bank, u tkompli tmexxi l-funzjoni kummerċjali tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-ewwel konklużjoni żbaljata li wasal għaliha t-Tribunal kienet li s-soċjetà appellanta hija *'waħda mill-partijiet li jiffurmaw is-soċjetà intimata'*, u li s-soċjetà appellanta daħlet fiż-żarbun tal-bank wara n-nomina li saritilha mill-awtorità regolatorja bħala persuna kompetenti. Lanqas ma jista' jingħad li fit-twettiq tal-funzjoni tagħha bħala persuna kompetenti, is-soċjetà appellanta tista' b'xi mod titqies li hija kienet il-prinċipal tar-rikorrent, jew li din aġixxiet f'isem il-bank daqs li kieku hija kienet timpjega lir-rikorrent. Il-funzjoni tal-persuna kompetenti hija kompletament distinta u differenti mill-funzjoni ta' prinċipal li miegħu r-rikorrent kellu relazzjoni ta' xogħol. Is-soċjetà appellanta ġiet maħtura sabiex tassisti lill-awtorità regolatorja ħalli tassigura li l-affarijiet interni tal-bank kienu qegħdin jitmexxew skont l-obbligi regolatorji li kellu u b'konformità mal-liġijiet u mad-Direttivi Ewropej, speċjalment fejn ikun hemm involuti kwistjonijiet relatati ma' ħasil tal-flus, u mhux biex din tassumi r-rwol ta' prinċipal tal-impjegati tal-bank. Hemm rwoli fi ħdan il-bank li l-persuna kompetenti hija tenuta li biex taqdihom tidħol fiż-żarbun tal-bank. Iżda mhuwiex il-każ li l-persuna kompetenti 'tidħol fiż-żarbun tal-bank' fil-materji kollha, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratti ta' impjieg tal-

impjegati individwali. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu, u tiddeċiedi li dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta għandha tiġi revokata, u s-soċjetà appellanta m'għandhiex titqies bħala leġittima kontradittriċi fil-kwistjoni ta' xogħol bejn ir-rikorrent u l-bank intimat, u b'hekk hija għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi tilqgħu, u b'hekk tirriforma d-deċiżjoni appellata, u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta, u tiddikjara li s-soċjetà appellanta m'għandhiex titqies li hija leġittima kontradittriċi, u b'hekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**